TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 405/10

**Antonella Cassar**

**vs**

**New Generations Phones**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€575), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li kellu sentejn garanzija.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* mingħand id-ditta intimata għal prezz ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), b'sentejn garanzija u li kellu l-problemi fl-i*speaker* u li ħallset ħamsa u għoxrin ewro (€25) sabiex jissewwa l-i*speaker*. Illi maż-żmien beda jsir aktar ħsara fil-*mobile phone* u għalhekk qegħda titlob il-flus lura minħabba li l-*mobile phone* għandu ħafna ħsara u li għadu taħt il-garanzija.

**It-Tribunal jionnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070, FAX. (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta` intimata tħallas l-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450), b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**